MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2010

Appell Kriminali Numru. 302/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Joseph Balzan**

**Illum 18 ta' Marzu, 2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar il-11 ta' Marzu, 2009 ghall-habta ta' bejn 4.30 p.m. u 7.30 p.m. fi Triq il-Kbira, Zebbug :-
1. bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' bintu Philippa Balzan wegghahha bil-kliem, gesti jew b'xi mod iehor;
2. halla lill-uliedu fil-bzonn, meta dan kien fi dmir tieghu li jiehu hsiebhom;
3. fit-8 ta' Marzu 2009 ghall-habta tas-6.00 p.m. fi Triq il-Kbira, Zebbug, hebb minghajr ma darab lil persuna ta' bintu Philippa Balzan sabiex jingurja, ddejjaqaha jew sabiex jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Lulju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 252(1), 338(y), 339(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ddikjarat it-tieni w it-tielet kawzi preskritti fil-waqt li sabitu hati tal-ewwel akkuza w ikkundannatu xahar prigunerija sospizi ghal sentejn ai terminu tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.
Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-17 ta' Lulju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn it-tieni w it-tielet imputazzjonijiet gew dikjarati preskritti w thassaraha w tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni w minnha tilliberah skond il-ligi. Minghajr pregudizzju f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, din il-Qorti hi mitluba tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena w/jew sanzjoni aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
Illi mill-assjem tal-provi in atti, ma hemm xejn li turi htija fil-konfront tal-appellanti wara kunflitt car u lampanti fil-provi. Dan ghaliex l-appellant jigi missier il-minuri u cahad a *tempo vergine* meta kellmu PS 539 F. Caruana wara rapport maghmul minn martu Jacqueline Balzan li maghha ghaddej mill-process ta' separazzjoni;
Illi l-kawza kienet wahda sommarja w l-Avukat sottoskritt oppona li l-kaz jigi differit biex tixhed minuri ta' 8 snin li ma kinitx imharrka ghas-seduta tas-7 ta' Lulju, 2009 filwaqt li l-oppozizjoni kienet ukoll tirrigwarda l-eta' tenera tal-minuri w li ma kienx fl-ahjar interess tal-minuri li tghaddi minn esperjenza ta' Qorti;
Illi *dato ma non concesso* kieku l-allegazzjoni kienet vera, l-hsieb tal-legizlatur wara l-artikolu 252(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta mhuwiex applikabbli ghall-kaz in ezami;

Illi akkuza kriminali ghandha tkun specifika w cara w il-minuri f'ebda mument ma xehdet li l-allegat kliem naqqsilha xi gieh;

Illi mix-xhieda mismugha mill-Ewwel Qorti jirrizulta kunflitt car u lampanti fil-verzjonijiet u konsegwentement, f'kaz ta' kunflitt ta' provi jew dubbju ragjonevoli, dan ghandu jmur favur l-appellant;

Illi konsegwentement ir-reat kif dedott fl-imputazzjoni ma jistax jikkonfigura fil-konfront tal-appellant peress li ma jirrikorrux l-elementi kollha necessarji;

Illi ma ngabet ebda prova li l-missier Joseph Balzan huwa wiehed li ma jagixxix normali w li fil-komportament tieghu fil-konfront ta' uliedu huwa jagixxi b'mod mhux korrett. Dan qed jinghad ghaliex huwa inverosimili li bniedem li hu presumibilment "in his right state of mind" jindirizza lil bintu ta' 8 snin bil-kliem kif allegat. F'dan il-kuntest, apparti c-cahda kategorika tieghu anki bil-gurament, l-appellant jirrileva li dak li gie allegat minn bintu w/jew minn martu, ma jaghmilx sens fil-hajja normali ta' kuljum. Anki l-kelma "mentali" ma jistax jinghad sal-grad tac-certezza morali li din giet uzata volontarjament mit-tifla meta allegatament ghamlet ir-rapport. Dan ghaliex l-esperjenza tghallem li tfal ta' 8 snin ma jifhmux xi tfisser il-kelma "mentali". Min-naha l-ohra ma hemm xejn ta' barr aminn hawn jekk l-appellant f'xi hin qalilha li jekk ma toqghodxbil-ghaqal, kien sejjer jidbilha l-iskola. Dan hu diskors normali f'kuntest ta' missier li jkun irid jiddixxiplina lil bintu. Certament diskors bhal dak allegat ma jammontax ghall-elementi tar-reat addebitat;

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, skond l-artikoli 252(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jehtieg li jkun hemm l-element intenzjonali. Dan hu ghal kollox nieqes fil-kaz odjern u dan ghaliex fl-ewwel lok l-element fattwali ma jirrizultax sal-grad rikjest mill-ligi w minghajr regudizzju anki jekk sar xi diskors, dan intqal b'mod genwin minn missier li seta' kien qed jikkoregi lil bintu;

Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-piena mposta mill-Ewwel Qorti hi ezagerata w minghajr proporzjon ghall-fatti stess kif allegati mill-minuri fuq persuna li jigi missierha;

Illi inoltre jinghad li l-verzjoni kif allegatament moghtija mill-minuri, hija wahda inattendibbli w s-sejbien tal-htija a

bazi taghha tkun wahda “unsafe and unsatisfactory”. Allegatament il-minuri sofriet daqqa ta’ ponn go nofs darha minn missierha. Dan mhu minnu xejn u kieku kien vera, l-minuri kienet tispicca b’ferita tant vizibbli w b’ugiegh apprezzabbli li kien ikollha tispicca l-isptar. Tant dan il-fatt huwa u kien ionsostenibbli li la akkuza f’dan is-sens ma inharget kontrih, la prova b’xi certifikat mediku u lanqas il-prosekuzzjoni ma kienet qed temmen lill-minuri stante li akkuzawh bil-kontravenzjoni ta’ “hebb minghajr ma tidrob”. Dan kollu jinpingi fuq il-fatti kif allegati mill-minuri w dan il-kaz mhu xejn hlief frott l-azzjoni irresponsabbli tal-omm.

Ikkunsidrat :

Peress illi din il-kawza kienet wahda sommarja, w ix-xhieda ma gietx registrata, l-Qorti tal-Appell laqghet it-talba tal-partijiet sabiex terga tisma’ mill-gdid il-parti leza kif ukoll it-tifla ta’ tmien snin Philippa.

Jacqueline Balzan, l-omm, allegat illi zewgha, l-appellant isawwat lill-bintha w ta xi daqqa go daharha. Ghamlet rapport l-ghassa fost hafna allegazzjonijiet illi kull meta t-tifla tmur ghand l-appellant igaghla tahsel l-art, tghaddielu l-hwejjeg u ma jassistihiex fil-homework. Fil-fatt sar ukoll rapport minn naha ta’ l-iskola fuq ilmenti tat-tifla w ma kienitx l-ewwel darba illi t-tifla giet imsawta.
Il-Qorti semghet ukoll ix-xhieda tat-tifla Philippa li minkejja li ghandha tmien snin, setghet tirrakonta b’mod car u kategoriku dak li ghaddiet minnha. Il-Qorti pero’ ma setghetx ma tinnotax il-qsim ta’ qalb illi ghandha din it-tifla meta sabet ruhha f’sitwazzjoni bhal din, separazzjoni konfrontali bejn il-genituri taghha, liema konfront huwa evidenti li qed jaffettwaha hazin ferm.

Minn naha tieghu l-appellant innega l-allegazzjonijiet kollha li saru fil-konfront tieghu. Anzi allega illi kienet martu illi kienet issawwat lit-tifla.

Fit-trattazzjoni tieghu l-Avukat tal-appellant gibed l-attenzjoni tal-Qorti illi l-akkuzi numru 2 u 3 diga’ gew dikjarati presritti mill-Ewwel Qorti u kien fadal biss l-ewwel

akkuza x’jigi kkunsidrat u qal li ma giex ippruvat l-element intenzjonali taghha w lanqas ma kien hemm provi bizzejjed u jekk it-tifla xehdet kontra tieghu dana sar ghax qed tigi influwenzata minn ommha kontra missierha.

Ikkunsidrat :

Huwa ben saput illi l-Qorti tista’ tghaddi ghal decizjoni fuq xiehda ta’ persuna wahda biss jekk dina tkun attendibbli.

Jidher illi hekk ghamlet l-Ewwel Qorti fejn, wara li kkunsidrat l-istess deposizzjonijiet li ngabu quddiem il-Qorti tal-Appell, waslet ghall-konkluzzjoni li l-appellant kellu jkun hati tal-ewwel akkuza w infliggiet piena skond il-kaz.

Il-Qorti wkoll taqbel mad-decizzjoni tal-Ewwel Qorti. Fic-cirkostanzi u mehud il-provi illi ngiebu quddiemha setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha.

Billi jkollok zewg verzjonijiet ma jfissirx illi hemm konflitt fil-provi. Dan il-konflitt ried ikun tali illi jnissel dubju fil-Qorti dwar liema verzjoni hija korretta. Pero’ jekk il-Qorti temmen verzjoni w mhux ohra, w ma jkollha l-ebda dubju f’mohha dwar min qed jghid il-verita’, tista’ tghaddi ghal gudizzju skond kif jidhrilha opportun ghall-kaz illi jkollha quddiemha.

F’dan il-kaz, wara li l-Qorti semghet ix-xhieda, ddecidiet illi l-verzjoni korretta kellha tkun dik ta’ Jacqueline Balzan u bintha w ghaddiet biex tiggudika lill-appellant skon dil-Ligi.

Is-sentenza hija wahda fit-termini tal-Ligi w ghalhekk ma tistax tigi sindakata.

Din il-Qorti pero’ tappella lill-genituri illi bhala tali ghandhom igibu ruhhom sew u jaraw illi l-konfront taghhom ma jaqax fuq binthom illi evidentement qed tigi affettwata ferm hazin.

Il-Qorti ma tiskantax illi minhabba f'hekk ma tmurx tajjeb l-iskola, ghax il-pressjoni li jkollha fuqha meta tara lill-genituri taghha f'dak l-istat ta' konfront aggressiv, mhux facli illi jitnehha minn mohha w tiehdu maghha l-iskola fejn zgur se jaffettwaha fl-istudji taghha. Il-genituri jistghu jiggieldu bejniethom kemm iridu. Huma zewg adulti li ghandhom id-drittijiet taghhom u jafu kif ghandhom juzaw dawn id-drittijiet skond il-Ligi, imma t-tifla ghadha minuri u jehtieg illi jkollha l-protezzjoni tal-Qorti w tal-Ligi peress li ma tistax tiddefendi lilha nnifisha.

Ghalhekk il-Qorti thares lejn dawn l-incidenti b'serjeta' kbira w ma tahsibix darbtejn illi timponi piena karcerarja fuq l-adulti jekk dan ikun a beneficcju tal-minuri.

Ghalhekk il-Qorti jidrilha illi l-Ewwel Qorti kienet korretta fid-decizjoni taghha w jisthoqq illi tkun konfermata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------